

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

16.6.2008

B6-0311/2008

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsijiet li jitolbu twiegiba orali B6-0162/2008 u
B6-0163/2008

skond l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Heinz Kindermann

fisem il-Grupp PSE

dwar il-kriżi fis-settur tas-sajd minħabba ż-żieda tal-prezzijiet taż-żejt użat
bħala fjuwil

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kriżi fis-settur tas-sajd minħabba ż-żieda tal-prezzijiet taż-żejt użat bħala fjuwil

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1198/2006 tal-Kunsill tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd¹,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2002 dwar il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-politika komuni tas-sajd² kif ukoll ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tas-6 ta' Lulju 2005 dwar proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd³,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Marzu 2006 lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar it-titjib tal-qagħda ekonomika ta' l-industrija tas-sajd (COM(2006)0103),
 - wara li kkunsidra l-Konferenza organizzata mill-Kummissjoni u li saret fi Brussell fl-10 u l-11 ta' Mejju 2006 dwar teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sajd,
 - wara li kkunsidra r-rapporti tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0266/2006 u A6-0467/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi s-settur Ewropew tas-sajd ġarrab żieda ta' 320% tal-prezzijiet tal-fjuwil fil-ħames snin li għaddew, żieda ta' 40% tal-prezzijiet tal-fjuwil minn Jannar ta' l-2008, tnaqqis ta' 25% tal-prezzijiet ta' ċerti prodotti tas-sajd minn Jannar ta' din is-sena u billi l-prezzijiet tal-ħut baqgħu fl-istess livell bħal 20 sena ilu, u dan kollu kelli konsegwenzi negattivi ferm għall-vijabilità ekonomika tas-settur,
- B. billi n-nuqqas ta' reazzjoni Ewropea għad-deterjorament tas-sitwazzjoni tas-sajjeda wassal għal dimostrazzjonijiet enormi tas-sajjeda fl-Ewropa kollha,
- C. billi dawn id-diffikultajiet żdiedu minħabba li qed jonqsu l-istokkijiet tal-ħut u minħabba li l-organizzazzjoni komuni eżistenti tas-suq tas-sajd u l-akkwakultura, ma tippermettix lis-sajjeda jiffissaw il-prezzijiet tal-prodotti tal-ħut,
- D. billi, maż-żieda tal-prezz taż-żejt, waħda mill-problemi l-aktar rikurrenti tal-flotta Ewropea tas-sajd fir-rigward tat-tnaqqis tal-prezz tal-prodotti tagħha ġejja mill-importazzjoni enormi ta' prodotti tas-sajd bi prezzijiet baxxi mis-sajd illegali,
- E. billi jeħtieġ li jsir investiment serju, kemm f'livell Ewropew kif ukoll f'livell nazzjonali,

¹ ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.

² Testi Adottati, P5_TA(2003)0026.

³ Testi Adottati, P6_TA(2005)0282.

f'teknoloġiji ġodda sabiex tiżdied l-effiċjenza enerġetika fil-bastimenti tas-sajd, kif ukoll f'meZZI biex titnaqqas id-dipendenza tagħhom mill-fjuwils fossili,

- F. billi s-soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni tista' tinstab biss jekk jittieħdu miżuri serji kemm f'livell nazzjonali kif ukoll f'livell Ewropew għall-futur qarib, medju u mbiegħed,
1. Jitlob lill-Presidenza Slovēnija biex tinkludi din il-kwistjoni fl-aġenda tal-Kunsill tal-Ministri tas-Sajd li jmiss fit-23-24 ta' Ġunju u biex tadotta l-miżuri meħtieġa biex tkun solvuta din il-kriżi;
 2. Jistieden lill-Istati Membri biex iħaffu l-proċeduri li jippermettu l-pagament ta' għajjnuna skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 875/2007 ta' l- 24 ta' Lulju 2007 dwar għajjnuna de minimis fis-settur tas-sajd¹;
 3. Itenni f'dan il-kuntest it-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tirrevedi r-regolament imsemmi hawn fuq sabiex iżżejjid l-ghajjnuna għal EUR 100,000 għal kull bastiment minflok għal kull impriżza, sabiex il-livell ta' għajjnuna jiġi eqreb il-livell ta' setturi ekonomiċi oħra;
 4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippermetti l-programmazzjoni mill-ġdid tal-Programmi Operattivi nazzjonali ta' l-EFF bil-għan li l-infiq ikun aktar immirat, u jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra l-kofinanzjament tal-primjums fuq kuntratti ta' kopertura finanzjarja biex ikun stabbilit limitu massimu tal-prezzijiet tal-fjuwil;
 5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tkun flessibbli meta tevalwa l-ghajjnuna nazzjonali għal ċerti tipi ta' modernizzazzjoni u tagħmir ta' bastimenti meta l-għan tagħhom ikun ir-ristrutturar ta' l-impriżzi tas-sajd bħala parti minn skemi ta' rkupru u ristrutturar;
 6. Jinsisti li l-Kummissjoni ddaħħal 'id-degradament serju tal-kundizzjonijiet soċċoekonomiċi' fil-kriterji stipulati fl-Artikolu 24(1)(vii) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006 tal-Kunsill;
 7. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tressaq, mill-aktar fis possibbli, il-proposta tagħha għar-reviżjoni ta' l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq tal-prodotti tas-sajd, filwaqt li jitqiesu l-proposti tal-Parlament Ewropew, bil-għan li s-sajjeda jkun jista' jkollhom aktar responsabilità fl-iffissar tal-prezzijiet, biex b'hekk ikun iggarantit id-dħul fis-settur, tkun żgurata l-istabilità tas-suq, titnejeb il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u jiżdied il-valur miżjud iġġenerat;
 8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tfassal proposti speċifiċi biex tittaffa s-sitwazzjoni fl-oqsma li jiddependu l-aktar mis-sajd;
 9. Jistieden lill-Kunsill biex jimxi b'mod responsabbi billi jadotta d-direttiva proposta kontra s-sajd illegali, mhux iddikjarat u mhux irregolat, sabiex jiġi u jiddej lu l-kontrolli fuq importazzjonijiet mis-sajd illegali, mhux iddikjarat u mhux irregolat;
 10. Jitlob lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-ħolqien ta' fond speċifiku tar-riċerka u l-iżvilupp apposta għas-sajd li jgħin il-finanzjament ta' proġetti bil-għan li jiġu eżaminati sorsi

¹ ĠU L 193, 25.7.2007, p. 6.

- alternattivi ta' enrġija u li tittejjeb l-effiċjenza enerġetika fis-settur tas-sajd;
11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lir-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet Ewropej tas-sajd.